



Brussell, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15113/23

LIMITE

CORLX 1009
CFSP/PESC 1491
RELEX 1277
COASI 191
COEST 591
COLAC 141
COAFR 394
MAMA 164
MOG 145
COHOM 213
CYBER 279

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill li jemendaw ċerti Deċiżjonijiet u Regolamenti dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji

1. Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta r-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2664 (2022), filwaqt li fakkar fir-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li jimponu l-miżuri ta' sanzjonijiet b'reazzjoni għat-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u enfasizza li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti biex jimplimentaw is-sanzjonijiet jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali u mhumiex maħsuba li jkollhom konsegwenzi umanitarji negattivi għall-popolazzjonijiet ċivili jew konsegwenzi negattivi għall-attivitajiet umanitarji jew għal dawk li jwettquhom.
2. Fl-14 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/338, li introduċiet l-eżenzjoni umanitarja skont UNSCR 2664 (2022) fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni li jagħtu effett lill-miżuri deċiżi mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu.

3. Fil-31 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/726, li introduċiet l-eżenzjoni umanitarja skont UNSCR 2664 (2022) fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni li jagħtu effett lill-miżuri deċiżi mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu u miżuri komplementari deċiżi mill-Kunsill.
4. Fis-7 ta' Novembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġu emendati ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji (15109/23). Fit-8 ta' Novembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ppreżentaw lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eżenzjoni umanitarja (15111/23).
5. Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-testi tal-abbozz ta' Deċiżjoni u l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill.
6. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-COREPER huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji, kif tidher, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 15110/23;
 - jadotta r-Regolament tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji, kif jidher, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 15112/23.